

Brussell, 26 ta' Settembru 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0287 (COD)

12325/17
ADD 2 REV 1

CODEC 1418
TELECOM 217
FC 72

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 fejn tidħol il-promozzjoni tal-konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta mill-Iżvezja, Spanja u n-Netherlands

L-Iżvezja, Spanja u n-Netherlands iqisu li l-aċċess għall-komunikazzjoni elettronika huwa importanti, iżda n-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt tal-effetti fit-tul tal-proposta fuq il-kompetizzjoni u r-rieda li jsir investiment huwa problematiku. B'mod partikolari meta wieħed iqis l-investimenti sostanzjali meħtieġa biex jinħolqu kondizzjonijiet għall-kopertura 5G fl-Ewropa fil-futur. L-Iżvezja, Spanja u n-Netherlands huma wkoll tal-fehma li jenħtieġ li dan it-tip ta' regolament u finanzjament ikunu ttrattati f'livell nazzjonali u għalhekk ma jistgħux jappoġġaw il-proposta.

Dikjarazzjoni tar-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa l-oġġettiv ġenerali tal-inizjattiva tal-WiFi4EU u, f'dan ir-rigward, tistieden lill-Kummissjoni tevita kwalunkwe duplikazzjoni ma' offerti privati jew pubbliċi oħra pprovduti fuq bażijiet kummerċjali matul l-implimentazzjoni tal-promozzjoni ta' konnettività tal-internet fil-komunitajiet lokali.